MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Numru 75/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

Jason Friggieri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Jason Friggieri detentur ta' karta ta' identita' numru 195489(M), akkuzat talli:

Fit-23 ta' Ottubru, 2001 u fi zmenijiet differenti ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, billi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-

pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi, jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjoniiet jew3 fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Dan bi ksur tal-artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

L-akkuza hija prospettata taht l-Artikolu 183 u 184 tal-Kap 9 li jittrattaw l-falsifikazzjoni maghmula minn persuna li mhiex ufficjal pubbliku u l-uzu tal-istess falsifikazzjoni.

Mill-provi jirrisulta fic-car li l-imputat bl-iskop li jiehu self minghand il-Bank sabiex jixtri 'computer' ghat-tifla ffalsifika il-firma ta' martu. Dana ghamlu xjentement. Ergo l-akkuza minn dan il-lat hija ppruvata minghajr ombra ta' dubbju. In linja ta' mitigazzjoni tal-piena pro' irrisulta l-fatt li dan l-imputat m'ghamlux ghall-profit.

Ikknsidrat dan, wara li rat l-Artikolu fuq citati tal-Kap 9 u fil-waqt li ssibu hati tal-akkuza kontrih dedotta, qeghdha tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ghall-perjodu ta' disa' xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------